**5 ta' Ottubru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – *President***
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Charles Spiteri

*versus*

Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet u d-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi

## Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà ta' Espressjoni – Libertà ta' Assoċjazzjoni – Protezzjoni minn Diskriminazzjoni

*Kawża għal rimedju minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, fosthom dawk tal-libertà ta' assoċjazzjoni, espressjoni u protezzjoni minn diskriminazzjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-fatti li taw lok għall-kawża kienu s-segwenti: ir-rikorrent kien Għawdxi impjegat mal-Public Works; minn żmien twil l-impjegati*

*tal-Gvern Għawdxin kellhom konċessjoni li nhar ta' Ġimgħa jitilqu ftit qabel l-oħrajn minn fuq ix-xogħol u nhar ta' Tnejn jidħlu ftit tard. Wara li ttieħdet azzjoni industrijali mill-impjegati tal-Gvern lill-impjegati Għawdxin li obdew id-direttiva ta' l-unions ġiet revokata lilhom din il-konċessjoni. Wara jumejn l-istess konċessjoni reġgħet ġiet mogħtija lil dawn l-impjegati ad esklużjoni tar-rikorrent li kien il-President ta' waħda mill-unions li ħadu azzjoni industrijali.*

*Il-Qorti rriteniet li dan kien jammonta għall-ksur ta' l-artikoli 42(1) u 45(2) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tar-rikorrent, u ċjoè ksur tad-dritt tiegħu tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni. It-teħħija tal-konċessjoni fuq imsemmija fil-konfront tar-rikorrent kienet tfixklu fit-tgawdija tad-dritt tiegħu ta' libertà ta' assoċjazzjoni. Il-Kelma 'tfixkel' użata mil-liġi għandha fiha nfisha sens ampju u mhux ristrett.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors Charles Spiteri kontra l-Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet u d-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi pprreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih wara li ppremetta illi huwa Għawdxi, jaħdem mal-*Public Works Department* u huwa President tal-*Union* Ħaddiema u Studenti Għawdxin Magħqudin u illi minn żmien twil l-impjegati tal-Gvern Għawdxin għandhom konċessjoni li nhar ta' Ġimħga jitilqu ftit qabel l-oħrajn minn fuq ix-xogħol biex jilħqu l-vapur għal Għawdex u nhar ta' Tnejn jidħlu ftit tard għax-xogħol biex jilħqu l-vapur minn Għawdex, dan jippermettilhom jaslu Għawdex nhar ta' Ġimgħa flok is-Sibt u jirritornaw nhar ta' Tnejn flok nhar ta' Ħadd;

Peress illi reċentement il-*Union* li tagħha r-rikorrent huwa President u diversi *Unions* oħra li għandhom tilwima industrijali mal-Gvern taw direttiva lill-membri tagħhom li ma jużawx it-

*telephone* u dana bħala azzjoni inudstrijali;

U peress *illi fil-11 ta' Ġunju 1977, ir-rikorrenti ta "Press Conference"* fejn spjega t-tilwima industrijali u l-adezjoni għall-azzjoni industrijali ta' l-*Union* li tagħha huwa l-President;

U peress illi jumejn wara, lill-ħaddiema kollha Għawdxin tad-Dipartiment tax-xogħlijiet *li obdew id-direttiva tal-Union* illi ma jużawx it-telefon, ġiet revokata l-konċessjoni fuq imsemmija mentri l-ħaddiema Għawdxin fl-istess Dipartiment, li ma segwewx id-direttiva tal-*Union* ġew imħollija jgawdu l-istess konċessjoni;

U peress illi fid-29 ta' Ġunju 1977 din il-konċessjoni ġiet mogħtija lura lill-ħaddiema Għawdxin kollha barra milli lir-rikorrent illi huwa issa l-uniku wieħed fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li jinsab imċaħħad minnha;

U peress illi dan l-aġir ta' l-intimat jikkostitwixxi ksur ta' diversi drittijiet fundamentali tal-bniedem fosthom dak li ma tiġix penalizzat għax tappartjeni għal *Trade Union* skond l-artikolu 43(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li ma ssofrix diskriminazzjoni skond l-artikolu 46(2) li ma jiġix impedut jew penalizzat fil-libertà ta' l-espressjoni skond l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni;

U peress illi d-dritt li ma tiġix ikkastigat u b'mod diskriminatorju talli tobdi d-direttiva tal-*Union* huwa dritt rikonoxxut anki mill-konvenzjonijiet ta' l-I.L.O. li ġew ratifikati *minn Malta*;

Talab ir-rikorrent li dika l-Qorti tiddikjara li l-aġir ta' l-intimati jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-

bniedem, u talab li dika l-Qorti tagħtih ir-rimedji kollha xierqa kontra ksur tad-drittijiet fundamentali fuq minnu msemmija fosthom dak li tordna lill-intimati li minnufih huwa ma jibqax jiġi mċaħħad u diskriminat fil-konnessjoni fuq imsemmija skond l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni, bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Lulju 1987 li biha dik il-Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti u ddikjarat li l-intimati kisru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ordnat lill-intimati jerġgħu jibdew jagħtu lir-rikorrent l-istess drittijiet u privileġġi li jgawdu l-impjegati l-oħra u li kien igawdi huwa nnifsu qabel, l-ispejjeż jitħallsu mill-intimati u dan wara li kkunsidrat li:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati Ministru tax-Xogħlijiet u Sport (desinjazzjoni flok dik fuq imsemmija) u Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi li bih għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Lulju 1978 u tiċħad it-talbiet kontenuti fir-rikors ta' l-appellat, bl-ispejjeż *taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;*

Rat ir-risposta ta' l-appell tar-rikorrenti appellat;

Rat l-atti l-oħra tal-proċess;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-appellanti qegħdin jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent li huma kissru d-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-art. 43(1), 46(2) u 42 (illum 42(1), 45(2) u 41 tal-Kostituzzjoni meta għar-raġunijiet minnhom sottomessi effettivament ma kienx hemm dak il-ksur kostituzzjonali. Huma qegħdin *ukoll jissottomettu subordinatament illi fil-każ* kuntrarju, ir-rikorrent kellu mezzi adegwati ta' rimedju taħt liġi ordinarja li hu ma rrikorriex għalihom;

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti, wara li eżaminat il-prova, ġiet għall-konklużjoni li r-rikorrent appellat kien ġie mċaħħad mill-konċessjoni msemmija fis-sentenza appellata li qabel kien igawdi kif kienu jgawdu sħabu l-Għawdxin impjegati Malta, kif ukoll Maltin impjegati Għawdex;

Din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, tasal ukoll għall-konklużjoni li oriġinarjament ir-rikorrent appellat, bħal sħabu Għawdxin li kienu jaħdmu Malta, kien igawdi l-konċessjoni li joħroġ qabel mix-xogħol il-Ġimgħa wara nofs inhar u li jirritorna tard għax-xogħol it-Tnejn fil-għodu u dana sabiex ikun jista' jilħaq il-vapur li jagħmel it-tragitt bejn Malta u Għawdex u sadanittant igawdi f'daru f'Għawdex *weekend* itwal bejn il-Ġimgħa fil-għaxija u t-Tnejn fil-għodu kmieni. Din il-konċessjoni kienet ġiet irtirata, kif kienet ġiet irtirata konċessjoni simili favur Maltin li jaħdmu Għawdex, in segwitu għal azzjoni industrijali. Meta l-istess impjegati reġgħu ġew imħollija jagħmlu użu mill-imsemmija konċessjoni, ir-rikorrent, li kien President ta' waħda mill-*Unions* li għamlu l-azzjoni industrijali, ċjoè l-*Union* Ħaddiema u Studenti Għawdxin, u li ftit xhur qabel kien ukoll ħareġ bħala kandidat f'elezzjoni ġenerali għal partit politiku

differenti minn dak li kien fil-Gvern, a differenza minn sħabu, ma kienx ġie mogħti lura l-istess faċilità. Jinkombi għalhekk lill-Qorti li tiddeċidi jekk fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali, kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 42(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li "ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd m'għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu u għaqda u assoċjazzjoni paċifika, ċjoè d-dritt tiegħu li jingħaqad paċifikament u liberament u jassoċja ma' persuni oħra u b'mod partikolari li jifforma jew jappartjeni lil *trade union* jew *unions* jew assoċjazzjonijiet oħra għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu". Id-disposizzjoni analoga tal-Konvenzjoni Ewropeja – l-artikolu 11(1) – tgħid li "*everyone has the right to freedom of peaceful assembly and to freedom of association with others, including the right to form and to join trade unions for the protection of his interests* (Test Malti fl-ewwel skeda ta' l-Att XIB ta' l-1987: "Kulħadd għandu dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn, inkluż id-dritt li wieħed jifforma u jidħol fi *trade unions* għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu");

Issa fil-każ ta' *Swedish Engine Drivers' Union (Sevenska Lokmanna Forbundet)* ċitat mill-Fawcett, *The Application of the European Convention on Human Rights,* Ediz. 1987, paġ. 278, 279, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni "*safeguard freedom to protect the occupational interests of trade union members by trade union action, the conduct and development of which the contracting states must both permit and make possible*". Dan il-prinċipju,

fil-fehma tal-Qorti, japplika wkoll taħt l-artikolu 42(1) tal-Kostituzzjoni li espressament jimponi li ħadd ma jiġi mfixkel fid-dritt tiegħu *li jofforma jew japprtjeni* lil *trade union;*

Iċ-ċirkostanza li wara li ttieħdet l-azzjoni industrijali msemmija *fil-process mill-Union* li tagħha r-rikorrent hu fundatur u president, ir-rikorrent appellat ġie mċħud mill-konċessjoni fuq imsemmija u baqa' a differenza ta' sħabu, hekk miċħud minnha hija tali li, fil-kliem tal-Kostituzzjoni "tfixklu" (*'hinder'* fit-*test* Ingliż) fid-dritt tiegħu fundamentali li jappartjeni lil *trade union* għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu;

Il-kelma "imfixkel" użata fl-artikolu 42(1) tal-Kostituzzjoni għandha fiha nfisha sens ampju u mhux ristrett u l-fatt li r-rikorrent appellat, li kien ipprotesta ma' l-awtoritajiet, sija bil-*fomm kif ukoll bil-miktub, meta tneħħiet l-imsemmija* konċessjoni ma jistax ma jiftiehemx li qed jiġi mfixkel fid-dritt tiegħu li jappartjeni għal *trade union* billi kienet din iċ-ċirkostanza (apparti ċirkostanzi oħra kif se jingħad aktar 'il quddiem) u l-attivitajiet tiegħu bħala membru ta' l-istess *trade union* biex jipproteġi l-interessi tiegħu li wasslet għat-trattament tiegħu differenti minn sħabu. Il-Qorti għalhekk tirritjeni li kien hemm f'dan il-każ fil-konfront tar-rikorrent appellat vjolazzjoni tal-libertà ta' assoċjazzjoni kkontemplata fl-art. 42(1);

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent appellat qed jissottometti wkoll li f'dan il-każ kien hemm vjolazzjoni fl-art. 45(2) li (salvi ċerti eċċezzjonijiet) jiddisponi in linja ġenerali li ħadd ma għandu jiġi ttrattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew

xi awtorità pubblika. Fis-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu 45 il-kelma "diskriminatorju" hija mfissra bħala l-għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva *inter alia* skond l-opinjonijiet politċi tagħhom;

L-appellanti qegħdin jissottomettu li, kuntrarjament għal dak li sostna r-rikorrent appellat, ma kienx hemm disrkininazzjoni talli obda d-direttivi tal-*Union*, tant li dawk kollha li ħadu parti f'azzjoni industrijali u ġiet irtirata lilhom il-konċessjoni u kwindi li r-raġuni li l-konċessjoni ma ngħatatx lir-rikorrent mhix dik li huwa ħa parti fl-azzjoni industrijali tal-kawża għax kieku l-konċessjoni kienet tingħata presumibilment lilu wkoll;

Il-Qorti ma tistax taċċetta din is-sottomissjoni. Id-disrkiminazzjoni pretiża mir-rikorrent appellat tikkonsisti fil-fatt li hu, a differenza minn sħabu, ma tħalliex jerġa' jgawdi l-imsemmija konċessjoni, appuntu għax ħa parti f'azzjoni industrijali – mhux biss iżda għax bħala kap ta' waħda mill-*Unions* ħa parti attiva, anke kif jidher mill-protesti magħmula minnu meta ġiet irtirata l-konċessjoni. Il-Qorti taqbel ma' din il-pretensjoni tar-rikorrent appellat u ma tistax ukoll tinjora l-fatt li ftit żmien qabel ir-rikorrent appellat kien ħareġ (bla suċċess) bħala kandidat fl-elezzjoni ġenerali għall-partit oppost għal dak li kien fil-poter kif ukoll kellu diversi *transfers* minn xogħol għall-ieħor li, fil-fehma ta' wieħed mis-superjuri tiegħu, kienu juri li kien "*in the limelight*" aktar minn ħaddieħor;

Kienet din iċ-ċirkostanza – ċjoè l-opinjonijiet politiċi tiegħu, li flimkien ma' l-attivitajiet *trade* unjonistiċi tiegħu wasslu għad-diskriminazzjoni fuq imsemmija meta sħabu reġgħu bdew

igawdu l-konċessjoni fuq imsemmija u kwindi wasslu għall-vjolazzjoni ta' l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

L-intimati appellanti qegħdin ukoll jilmentaw, kwantu għad-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni kkontemplat fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, li l-ewwel Qorti ma misshiex rabtet dak id-dritt ma' dak protett mill-artikolu 46(2), illum l-artikolu 45(2) fuq imsemmi bħallikieku hemm ness ġuridiku bejniethom. Skond l-intimati appellanti, iż-żewġ kunċetti kostituzzjonali – dak ta' diskriminazzjoni u dak ta' libertà ta' l-espressjoni – għandhom jinżammu separati bħal ma żammithom il-Kostituzzjoni;

Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni. L-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni tagħna huwa konċepit f'termini differenti minn dak ta' l-artikolu analogu, ċjoè l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja (li ta lok għal ħafna diffikultajiet fl-interpretazzjoni tiegħu – ara Fawcett *op. cit.* paġni 295 – 297) u li jiddisponi li *"The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention* (sottolinear tal-Qorti) *shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, birth or other status"*. Kif konċepit l-artikolu 45(2), jidher li l-kunċett ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni huwa indipendenti mill-kunċett ta' libertà ta' l-espressjoni protett bl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni. Jista' jkun hemm diskriminazzjoni u kwindi vjolazzjoni ta' l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni u intant ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni kkontemplat fl-artikolu 41. Jista' però jiġri li jkun hemm diskriminazzjoni u kwindi vjolazzjoni ta' l-artikolu 45(2) u fl-istess ħin ikun hemm vjolazzjoni tad-dritt tal-

libertà ta' l-espressjoni;

Anke hawn il-Qorti taqbel mal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti. Il-Kostituzzjoni fl-artikolu 41 trid li ħadd ma jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni, inkluża l-libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil u li jirċievi u jikkomunika idejat mingħajr indħil. Għalkemm jidher mill-proċess li r-rikorrent appellat esprima l-fehmiet tiegħu, eppure fil-fehma tal-Qorti ma jistax jingħad li esprimihom mingħajr tfixkil u mingħajr indħil kif trid il-Kostituzzjoni. Il-fatt li skond l-artikolu 41(1) ir-rikorrent appellat m'għandu jiġi "mfixkel" fit-tgawdija tal-libertà ta' l-espressjoni u li dina għandha tkun "mingħajr inħdil", fil-fehma tal-Qorti, jimporta wkoll li meta huwa jeżerċita d-dritt ta' espressjoni, dan ma jiġix segwit b'sanzjonijiet kif apparentement ġara f'dan il-każ. Dawk is-sanzjonijiet ikunu jikkostitwixxu tfixkil u ndħil fil-libertà tiegħu ta' espressjoni billi juru li l-eżerċizzju ta' dik il-libertà fil-futur ikollu ċertu konsegwenzi u kwindi b'dan il-mod jimmenomaw dik il-libertà;

Il-Qorti tixtieq iżżid in linea ġenerali li l-fatt li hawnhekk *si tratta* ta' konċessjoni u mhux ta' dritt ma jaffettwa bl-ebda mod l-imsemmija konklużjonijiet tagħha għaliex il-fatt li ma tingħatax l-imsemmija konċessjoni lir-rikorrent appellat, meta din tiġi goduta minn ħaddieħor, dejjem tikkostitwixxi għalih għar-raġunijiet fuq imsemmija tfixkil fil-libertà tiegħu ta' l-espressjoni u ta' assoċjazzjoni kif ukoll diskriminazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-intimati appellanti qegħdin jissottomettu in linja subordinata li r-rikorrent appellat kellu mezzi adegwati ta' rimedju taħt l-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali

u għalhekk dan għar-rikorrent appellat huwa ta' ostakolu għalih li *jitlob rimedju* kostituzzjonali li kif jidher jingħata eċċezzjonalment;

Apparti li, kif jingħad fl-istess rikors ta' l-appell, ir-*rimedju* ordinarju taħt l-artikolu 18(4) ta' l-Att ikun talvolta bbażat fuq diskriminazzjoni użata miegħu bħala impjegat mentri kif jidher *mir-rikors promotorju*, dan għandu bażi tripliċi – diskriminazzjoni, vjolazzjoni tad-dritt t'assoċjazzjoni u vjolazzjoni tal-libertà *ta'* l-*espressjoni*, jibqa' dejjem il-fatt li l-Kostituzzjoni ma tipprojbixxix lill-persuna li tħossha aggravata minħabba vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali fil-konfront tagħha li tadixxi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għar-rimedju ordinarju; biss il-Kostituzzjoni fl-artikolu 46(2) tagħti lill-qorti d-diskrezzjoni li tirrifjuta jew le li tieħu konjizzjoni tal-każ (fit-*test* Malti: "*Iżda* l-*Qorti, tista'*, jekk *tqis li jkun desiderabbli* li hekk tagħmel (sottolinear tal-Qorti) tirrifjuta li.....). Fil-każ preżenti l-ewwel Qorti ma rrifjutatx li *tisma'* u *tiddeċidi* l-każ u l-Qorti, speċjalment u apparti minn konsiderazzjonijiet oħra, in vista tal-fatt li l-bażi ta' l-azzjoni preżenti hija, kif ġà ngħad, iktar ampja u anzi f'ħafna rispetti differenti minn dak li kienet tkun taħt il-liġi ordinarja, ċjoè l-Att fuq imsemmi;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-intimati appellanti.